# TRIBUNAL INDUSTRIJALI

# DECIZJONI NRU. 674

KAZ NRU. 877

Fil-Kwistjoni tax-Xoghol

bejn

Mark Borg

u

St. George's Catering Ltd

dwar tkeccija mill-impjieg allegata li hi ngusta

Data: 12 ta' Jannar 1996

Chairman: Dr. Joseph P. Bonnici LL.D.

## INTRODUZZJONI

Illi permezz ta' ittra datata 12 ta' Ottubru 1994, l-Onorevoli Ministru tal-Edukazzjoni u Rizorsi Umani rrefera l-kaz tal-appellant lil dan it-Tribunal ai termini tal-Art. 28(2) tal-Kap. 266 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi l-appellant, fl-istatement of case tieghu jallega li safa' mkecci minn fuq il-post tax-xoghol avolja kellu raguni valida biex jew jassenti ruhu jew ma joqghodx ghall-ordni tal-principal tieghu biex jidhol ghax-xoghol.

Illi da parti taghha, is-Socjeta' ntimata tallega li hawn si tratta ta' rizenja pura u semplici. Kien l-istess appellant, meta

rinfaccjat b'sospensjoni immedjata, talab dak li kien dovut lilu u telaq minn fuq il-post tax-xoghol. La gie mhedded li jitkecca u wisq anqas effettivament tkecca mill-impjieg tieghu.

PROVI

Illi l-kaz kollu huwa mpernjat fuq l-incident li sehh nhar is-27 ta' Settembru, 1994 - l-aktar fuq id-diskors li allegatament intqal u fuq l-interpretazzjoni li ghandha tinghata ghall-istess diskors.

Kienu prezenti l-appellant, Mark Spiteri bhala Managing Director, Michael Bonnici bhala Deputy Manager, u Joseph Stivala bhala Head Waiter.

L-appellant jghid li l-Managing Director, fuq it-telefon, qallu li jew jidhol ghax-xoghol jew ikeccih. Mar jigri l-complex, ossia wasslu missieru stess, biex jaghtih sodisfazzjon ghaliex ma setax imur lura ghax-xoghol. Peress li baqa' ezigenti huwa talab dak li kien dovut lilu u telaq.

Mark Spiteri jichad din il-verzjoni. Fuq it-telefon, wissieh li kien ser jissospendieh jekk ma jidholx ghax-xoghol. Meta rrinfaccjah fl-ufficju lanqas tah cans jitkellem - talbu dak li kien dovut lilu. Assuma - anzi tah l-impressjoni , li kien qed jirrizenja mix-xoghol.

Michael Bonnici - Duty Manager - xehed li ma kienx prezenti ghad-

diskors li suppost intqal. Illumina lit-Tribunal dwar in-nuqqas ta' l-appellant li jcempel li ma kienx se jattendi ghax-xoghol minhabba li kien 'sick'. Dana huwa kontradett minn omm l-appellant. Ir-raguni li hadd ma rrisponda t-telefon meta cemplulu d-dar biex jaraw x'gara minnu - aktar u aktar minhabba li inbidel ix-shift - ossia dik moghtija minn missier l-appellant kienet xotta - id-dar hija kbira bi tlett sulari u t-telefon qed fis-sular t'isfel.

Simon Dolton - prodott mill-appellant, kien inutili, filwaqt li Joseph Bartolo rapprezentant tal-Labour Office prodott mill-appellant lanqas kien jiftakru l-kaz u/jew l-appellant - anzi jittratta biss 'trade disputes' u 'conciliations' u mhux kazijiet ta' individwi.

Illi jibqa' pero' l-famuz Joseph Stivala li kien prezenti ghad-diskursata, pero' mhux ghad-diskursata kollha ghax kif qal, hu telaq qabel kulhadd. Ma jistax jghid verament x'seta' ntqal wara. Hawn tinvolvi ruhha id- 'deus ex machina' - il-famuza Agnes Edwards. Dina xehdet li l-istess Stivala kien stqarr maghha li dak li xehed kien kollu falz u kien imhallas mill-istess appellant biex jixhed kif xehed.

It-Tribunal hawn jistaqsi - x'kien l-interess ta' Stivala li jixhed kif xehed - jidher wiehed ovvju. U x'kien l-interess ta' Edwards li tipprezenta ruhha biex iggarraf ix-xhieda ta' Stivala. Ma jidhirx wiehed ovvju - x'kellha x'takkwista u ghalfejn intro-

mettiet ruhha minghajr ma tidhol f'dan il-pogrom kollu? It-Tribunal ghandu ta' bilfors jaghti affjatament lil dawn iz-zewg xhieda.

KONSIDERAZZJONIJIET

Dan it-Tribunal jirritjeni u hekk ghandu jkun u di fatti l-ligi tipprovdi ghal dan, illi ghandu jkun hemm kjarezza fil-komportament ta' sia l-principal u sia tal-haddiem fl-okkorenza ta' terminazzjoni ta' impjieg. Ma jistax ikun u m'ghandux ikun hemm lok ta' interpretazzjoni fl-eventwalita' tat-terminazzjoni, ossia ta' kif ser jispicca mpjieg. Ic-carezza hija essenzjali f'relazzjoni ndustrijali, anke jekk fuq bazi imqar individwali.

Illi dan il-kaz jikkristellizza din l-omissjoni. L-appellant irrizenja mix-xoghol tieghu - dan tah x'jifhem lil principal tieghu? Il-principal keccieh lill-appellant - l-appellant hekk fehemha s-sitwazzjoni? Kif ghandu jifhimha dan it-Tribunal?

Illi dan it-Tribunal isostni li l-appellant ghaggel wisq fil-komportament tieghu. Jista' jkun li fl-istat mentali u fiziku li kien ghaddej minnu f'dak il-mument propizju l-appellant ma kellux il-fakoltajiet necessarji sabiex jipprevedi u janticipa l-konsegwenzi tal-agir tieghu. Fehem u x'fehem f'dak il-mument huwa talab lill-principal tieghu sabiex ihallsu dak li kien ghad baqghalu jiehu u telaq 'il barra. Baqa' sejjer dritt fl-ufficcju distrettwali ta' tas-Sliema u mbaghad gie rreferut il-Belt Vallet-

ta. Kellem ufficjal - li xehed ossia Bartolo - li lanqas biss jiftakar/jew ghandu x'jaqsam ma kazijiet simili. Kiteb lill-Onorevoli Ministru koncernat fl-1 ta' Ottubru - ossia ftit jiem wara. Tidher cara l-eta' tenera u nuqqas ta' maturita' responsabbli. Gibed konkluzzjonijiet minghajr ma xtarr. Mistoqsi mit-Tribunal l-appellant wiegeb li waqaf hemm wara dak il-famuz inkontru. Agixxa 'on the spur of the moment'.

Illi hawnhekk tohrog mhux il-kredibbilita' o meno ta - zewg partijiet involuti - cioe' Mark Spiteri u Mark Borg - izda l-punto di vista w azione. Spiteri stqarr li lanqas biss hallieh jitkellem. Fuq it-telefon, heddu biss b'sospensjoni. Ghal principal li jiddefendi l-kaz tieghu quddiem dan it-Tribunal sia fuq tkeccija u sia fuq rizenja kien ikun ugwali. Ghaliex - kellu fuq tkeccija - nuqqas ta' attendenza, nuqqas li josserva ix-shift u l-alterazzjoni tieghu, in-nuqqas li jinformah ghax marid, ma jsib lil hadd id-dar!

Illi hawn jidhol l-affjatament li, ghandu jinghata lix-xhieda ta' Stivala u Edwards. X'akkwist kienu ser jaghmlu individwalment? Huwa kaz rarissimu li titla' xhud bhal Edwards, Stivala meta mistoqsi sia in-kontro-ezami u sia mit-Tribunal, kien sfuggjattiv fir-risposti tieghu. Ftakar biss ezattament f'dak li jagevola lill-appellant. Ma qaghadx sa' l-ahhar tad-diskussjoni tela' jixhed meta mitlub mill-appellant - ma nstabx mis-Socjeta' ntimata. Ix-xhieda ta' Stivala ghandha tigi konsiderata li gharrqet flok agevolat it-tezi appellanti.

Illi dan it-Tribunal jirritjeni illi n-nuqqas ta' probabilita' u/jew nuqqas ta' carezza u/jew nuqqas ta' konvinzjoni ghandha tmur a favur ta' kontra min qed tigi allegata. Fil-kaz in-ezami, id-difiza ma kienitx wahda solita - ossia li l-haddiem tkecca ghal raguni valida u ghalhekk stava a lui provarla. Dana peress li l-haddiem ma jistax jipprova n-negattiv. Fil-kaz odjern, is-Socjeta' ntimata eccipiet ir-rizenja tal-haddiem. Stava ghall-haddiem li jipprova li mhux irrizenja, izda li tkecca. Dana m'ghamlux ghal konvinciment tat-Tribunal.

KONKLUZJONI

Ghaldaqstant it-Tribunal, wara li ha il-konsiderazzjoni s-suespost u l-atti kollha tal-kaz, jiddeciedi li jaqta' l-kaz, billi jichad it-talbiet tieghu stante li ma ppruvawx li effettivament gie mkecci.

Ghal fini tat-tassazzjoni dan it-Tribunal jiffissa r-remunerazzjoni tal-Provvedimenti rispettivi fl-ammont ta' Lm40 kull wiehed.

Vera Kopja

ft/Joseph P. Bonnici
CHAIRMAN

------------------------
George Attard
SEGRETARJU

mrg